MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 280/2007

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Anthony Sciberras**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta` Marzu, 2007 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mija u dsatax il-lira u tmienja u disghin centezmu (Lm 119.98), rapprezenti ammont li ghandu dovut in konnessjoni ma` s-servizz tat-telefon li jgib in-numru 21418134, 802191/84 u account 10185452.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-istess konvenut.

Gie notat li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` x-xhieda ta` Dr. Zammit Young li bil-gurament taghha, kkonfermat li l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Ezamina d-dokumenti ezebiti ma` l-avviz u cioe` Dok. A, konsistenti fi prospett u Dok. B, konsistenti f`kuntratt ma` l-konvenut.

Gie notat ukoll li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta ta` llum sabiex igib il-provi tieghu in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut, Anthony Sciberras ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` mija u dsatax il-lira u tmienja u disghin centezmu (Lm 119.98), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-20 ta` Marzu, 2007 u bl-ispejjez kollha a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------